**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**Vs**

**GREZZJU GAUCI**

Kump Nru 207/2006

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Grezzju Gauci** detentur tal-karta tal-identita numru 602346(M**)**, gie akkuzat talli:

1. nhar is-26 ta' Frar, 2006 ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart ta' filghodu gewwa Paceville, San Giljan, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' Gilbert Spiteri f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi ta diversi daqqiet ta' strument li jaqta u bil-ponta fuq il-persuna tal-imsemmi Gilbert Spiteri, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz tal-istess daqqiet bi strument li jaqta u bil-ponta, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-

istess Gilbert Spiteri, hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Reuben Grixti MD tal-isptar San Luqa;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew hsara lil propjeta, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regulari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U fl-ahhar talli sar recediv ai termini tal-arikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tal-5 ta' Dicembru 2011 (ara *folio* 313) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara flimkien *folios* 314 u 325);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri, inkluz dik ta` l-imputat minn jeddu;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi l-atti processwali ta` din il-kawza ghaddew ghand din il-Qorti kif inhi issa presjeduta wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li rrizulta sodisfacentement mill-provi prodotti kien illi fil-lejl in kwistjoni, propju fis-sieghat bikrin ta` filghodu tas-26 ta` Frar 2006, ghall-habta ta` bejn it-3.30am u l-4.00am, certu Edmond Zerafa, li kien gewwa stabbiliment f'Paceville flimkien ma shabu fosthom Gilbert Spiteri u l-partner Monique Mizzi, iddecieda li jitlaq lejn id-dar qabel shabu ghax kien xurban mhux hazin. Dan Edmond Zerafa mexa u ghadda minn hdejn il-venda tal-karozzi li hemm hdejn Pender Place. Hemmhekk huwa jidher li waqaf u pogga bil-qieghda fuq l-istage. Ghal ragunijiet mhux tant cari, kien hawnhekk li inqalet glieda li fiha safa msawwat bis-sieq u bil-ponn l-imsemmi Edmond Zerafa.

[Hawnhekk, riferibbilment ghar-raguni ta` din il-glieda li fiha Edmond Zerafa safa vittma ta` aggressjoni minn numru ta` nies, fosthom xufiera tal-vannijiet u tat-Taxis, il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel parentezi zghira. L-imsemmi Edmond Falzon jallega illi waqt li huwa kien bil-qieghda fuq l-istage, kien gie avvicinat minn xi hadd minn dawn is-sewwieqa, u jista jkun li staqsieh ghandux bzonn xi haga jew ghandux bzonn taxi – jammetti dan Edmond Zerafa li hu seta qal xi diskors mhux floku - u dan il-persuna li kien staqsieh dawn id-domandi tefghalu l-pepper spray go ghajnejh u Edmond Zerafa safa aggredit minn numru ta` persuni. Jghid, dan l-istess Edmond Zerafa, li naqsulu gakketta, mobile phone, kartiera u l-flus ta` go fiha.

Minn naha l-ohra, gie allegat li dan l-imsemmi Edmond Zerafa kien qaghad minn tulu fuq l-istage, kien jidher fis-sakra, u s-sewwieqa qalulu biex joqghod sew u kien hawnhekk li dan Edmond Zerafa habat ghal wiehed mis-sewwieqa, certu Manuel maghruf bhala l-kampjun, u gew fl-idejn. Fi ftit sekondi, skond din il-verzjoni l-ohra, dawn is-sewwieqa, li kienu madwar 20 persuna rnexxielhom jifirduhom, lil dan Edmond Zerafa u lis-sewwieq li kien involut fil-glieda mieghu].

Kienet x'kienet ir-raguni ghaliex Edmond Zerafa safa aggredit sew minn persuna u numru ohra ta` persuni, hija kwistjoni li ma ghandhiex tikkoncerna lil din il-Qorti – u dana ghalhiex huwa bizzejjed ghal din il-Qorti, ghax hekk gie ppruvat sodisfacentement, li kien hemm aggressjoni fizika fuq Edmond Zerafa minn numru ta` persuni.

Nelfrattemp, minn naha l-ohra, wara li kien ghadda xi ftit tal-hin, Gilbert Spiteri u l-girlfriend tieghu Monique Mizzi telqu mill-istabbiliment li kienu fih u irhewlha lejn il-vettura li kienet ipparkjata hdejn Pender Place. Meta waslu hdejn Pender Place,

faccata tal-venda, u propju waqt li kienet ghada ghaddejja din l-aggressjoni ta` numru ta` nies fuq Edmond Zerafa, l-imsemmi Gilbert Spiteri lemah lill-siehbu Edmond Zerafa ma l-art jaqla daqqiet bis-sieq u bil-ponn bla hniena go wiccu. Kien hawnhekk li Gilbert Spiteri intervjena u qal lill-aggressur biex jieqaf isawwat lil Edmond Zerafa. Fil-pront gie l-imputat, minn fost xi hamsa minn nies, li mbotta lil Gilbert Spiteri u qallu sabiex ma jindahalx. Kien hawnhekk li Gilbert Spiteri u l-imputat gew fl-idejn u Gilbert Spiteri imbotta lill-imputat li x'aktarx spicca ma` l-art. Kien hawnhekk li Gilbert Spiteri rega mar ghal Edmond Zerafa biex iqajjmu mill-art.

Kien f'dan il-mument, meta Gilbert Spiteri kien qed jipprova jassisti lil Edmond Zerafa, li l-imputat rega mar ghalieh u tah numru ta` daqqiet b'arma bil-ponta u li taqta; ossia oggett li kellu xafra. Immedjatament wara li sehhet din l-aggressjoni bl-arma fuq Gilbert Spiteri, l-imputat u kull min kien fuq il-post telaq.

**Ikkunsidrat**;

Illi dwar l-identita` tal-persuna li tat id-daqqiet bl-arma li taqta lil Gilbert Spiteri ma hemm ebda dubbju – dan ma hu hadd hlief l-imputat Grezzju Gauci. Gilbert Spiteri mhux biss jidentifika lill-imputat minghajr ezitazzjoni fl-udjenza waqt id-depozizzjoni tieghu nhar id-9 ta` Marzu 2006 (ara folio 61 et seq), izda jidentifikah ukoll waqt *identification parade* li saret fl-1 ta` Marzu 2006 kondotta mill-Magistrat ta` l-Ghassa dakinhar (ara folio 19 et sequitur). L-istess identifikazzjoni cara u inekwivoka taghmilha Monique Mizzi (ara folio 70, apparti l-*identification parade*).

Dwar il-feriti sofferti minn Gilbert Spiteri, tela jixhed t-Tabib Michael Spiteri (ara folio 206) li ghamel referenza ghac-certifikat mediku esebit in atti a folio 51. Gie stabbilit mill-medici illi Gilbert Spiteri sofra " ***2 stab wounds left lateral side of chest, about 1cm in length. One stab wound posterior aspect of left chest. No pneumothorax ...... 3cm lacero-contused wound right arm with muscle protruding from wound ... circulation intact but claims to have mild sensory impairment right hand ..... nature of injuries is grievous, not in danger of loss of life ..***". Sussegwentement pero`, l-istess Tabib Michael Spiteri jerga jixhed (ara folio 287 et seq) u jelabora illi l-klassifika ta` grievous injury giet attribwita minhabba l-claim li kien ghamel Gilbert Spiteri dwar in-nuqqas ta` sensazzjoni f'idejh. Dwar il-feriti fis-sider, it-Tabib jikkummenta illi f'dan il-kaz ebda ferita ma kienet ippenetrat fil-

kavita`. Imbaghad jerga jixhed a folio 310 u jelabora illi l-ferita fl-id ix-xellugija ghaddiet il-layers kollha tal-gilda tant li l-muskolu gie espost.

**Ikkunsidrat**;

Illi ghalkemm dan il-kaz beda (ara l-att tal-prezentata a folio 1 ta` l-atti) bhala wiehed fejn l-akkuza principali kienet dik ta` attentat ta` qtil, ma l-izvilupp tal-kaz u tal-provi rizultanti, l-Avukat Generali deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta l-imputat kellu jwiegeb principalment ghall-imputazzjoni ta` tentattiv ta` ferita gravi (art.41 u art 218 Kap 9) u ghall-imputazzjoni ta` ferita gravi (art.216 Kap 9), fost reati ohra.

Fil-fehema ta` din il-Qorti, il-provi migjuba f'dan il-procediment, partikolarment il-feriti fis-sider (meqjusa bhala zona perikoluza fil-gisem) li sofra Gilbert Spiteri (ghalkemm ma jistghux jigu kklassifikati bhala gravi), igibu lill-imputat passabbli ghar-reat ta` tentattiv ta` ferita gravi, reat kompriz u nvolut fir-reat ta` attentat ta` qtil skond l-ewwel imputazzjoni. Il-provi dwar il-ferita li garrab Gilbert Spiteri fl-id ix-xellugija igibu lill-imputat passabbli ghar-reat ta` ferita gravi skond it-tieni imputazzjoni dedotta. Waqt il-kommissjoni tar-reati kommessi u mertu ta` din il-kawza, l-imputat kien fil-pussess ta` strument li jaqta – dan igibu passabbli ghar-reati addebitati fit-tielet u r-raba imputazzjonijiet.

Il-Qorti tinnota li fir-*rinvio a giudizio* tieghu, l-Avukat Generali ma insistiex fuq l-addebitu tar-recidiva. U ghalhekk din il-Qorti mhux qed taddebita lill-imputat bir-recidiva.

**Ikkunsidrat**;

Illi fil-kuntest tal-piena, minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` ferita gravi kif migjub kontra l-hati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari li huma indikattivi ghal mitigazzjoni, il-hati ta` reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

Meta sehh l-incident mertu ta` din il-kawza l-imputat kellu 59 sena. Kif jghid il-malti, messu kien jaf ahjar. F'dik l-eta l-imputat messu kien jaf aktar minn haddiehor li

mhux biss ghandek toqgghod il-boghod mill-vjolenza, izda ghandek toqghod il-boghod mill-uzu ta` l-armi li jaqtghu. Il-vittma Gilbert Spiteri kien ghad kellu 22 sena.

Il-vjolenza fuq il-bniedem ma ghandhiex tittiehed leggerment; hadd ma ghandu dritt jattakka l-persuna u allura min jattakka persuna u jikkawza mhux biss ferita gravi izda b'dak li jkun ghamel ikun ittenta jikkawza aktar feriti gravi, jehtieg li jifhem li jkun zbalja u zbalja bi kbir u ma ghandux jippretendi li l-ligi tkun hanina mieghu.

**DECIDE**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 41(1), 214, 215, 216(1)(a)(i)(ii)(b)(d), 217, 218(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikoli13(1) u 26(a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil Grezzju Gauci hati ta` l-ewwel imputazzjoni, limitatament ghar-reat ta` tentattiv ta` ferita gravi (reat kompriz u nvolut), u hati tat-tlett imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra tieghu (qed jigi hawnhekk eskluz l-addebitu tar-recidiva) u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sena**.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €80.36 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` PS46 Charlot Casha (folio 35). Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur